EBA/GL/2016/01

29/02/2016

# Linji Gwida Finali

## Ta’ linji gwida riveduti dwar l-ispeċifikazzjoni ulterjuri tal-indikaturi tal-importanza sistemika globali u d-divulgazzjoni tagħhom

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[1]. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 02.05.2016. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eubir-referenza 'EBA/GL/2016/01'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

# Titolu I – Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Il-Linji Gwida huma relatati

(a) mal-ispeċifikazzjoni tal-indikaturi (‘indikaturi’) għas-sena 2016 stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1222/2014, kif emendat; u

(b) ir-rapportar tad-data (indikaturi u data anċillari użati għall-identifikazzjoni ta’ G-SIIs) u d-divulgazzjoni annwali tal-valuri tal-indikaturi.

2. Il-linji gwida japplikaw għal (i) l-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE, il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji prinċipali tal-UE, il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħalltin prinċipali tal-UE, u l-istituzzjonijiet li mhumiex sussidjarji ta’ istituzzjoni prinċipali tal-UE jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE (entitajiet rilevanti) li josservaw miżura ta’ skopertura tal-proporzjon ta’ ingranaġġ ta’ aktar minn EUR 200 biljun bl-użu ta’ rata tal-kambju adegwata, li tieħu f’kunsiderazzjoni r-rata tal-kambju ta’ referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew applikabbli fi tmiem is-sena finanzjarja u l-istandards internazzjonali, u (ii) l-awtoritajiet kompetenti fit-tifsira tal-punt (40) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' kwistjonijiet marbuta mal-kompiti konferiti fuqha mir-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

# Titolu II - Speċifikazzjoni tad-data għall-identifikazzjoni ta’ G-SIIs

3. Meta jiġu biex jiddeterminaw il-punteġġi tal-entitajiet rilevanti abbażi tal-indikaturi, l-awtoritajiet rilevanti għandhom japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet tad-data fl-anness għal dawn il-linji gwida. Meta jiġu biex jirrapportaw id-data, l-entitajiet rilevanti għandhom isegwu l-istruzzjonijiet ippubblikati fuq is-sit web tal-EBA.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw id-data anċillari (it-Taqsimiet 14 u 15 tal-anness) sabiex jappoġġjaw is-sentenza superviżorja tagħhom b’konformità mal-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) Nru 1222/2014 kif emendat u, fuq bażi tal-aqwa sforzi, l-entrati fil-memorandum (it-Taqsimiet 16 sa 20 tal-anness) bil-għan li tittejjeb il-kwalità tad-data u jiġi żviluppat titjib fil-ġejjieni fil-metodoloġija tal-identifikazzjoni. L-entrati fil-memorandum għandhom ikunu kkumplimentati b’kummenti rigward il-kwalità u d-disponibbiltà tad-data, fejn xieraq.

# Titolu III - Rekwiżiti rigward id-divulgazzjoni mill-istituzzjonijiet

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-entitajiet rilevanti jirrapportaw id-data (indikaturi u data anċillari) lill-awtoritajiet rilevanti u jiddivulgaw pubblikament id-data u l-valuri tal-indikatur taħt it-Taqsimiet 1 sa 13 tal-anness fuq bażi annwali u b’konformità mal-metodoloġija tal-identifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li d-divulgazzjoni ssir bl-użu tal-mudell elettroniku ppubblikat għal dan l-iskop fuq is-sit web tal-EBA b’konformità mal-istandards tekniċi ta’ implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 441 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u mal-anness għal

dawn il-linji gwida. L-entitajiet rilevanti għandhom jiddivulgaw pubblikament l-informazzjoni fi tmiem is-sena finanzjarja sa mhux aktar tard minn erba’ xhur wara t-tmiem ta’ kull sena finanzjarja. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-entitajiet rilevanti, li tmiem is-sena finanzjarja tagħhom ma tikkoinċidix mal-31 ta’ Diċembru, sabiex jirrapportaw il-valuri tal-indikatur abbażi tal-pożizzjoni tagħhom aktar qrib il-31 ta’ Diċembru. Fi kwalunkwe każ, id-divulgazzjoni tal-informazzjoni għandha sseħħ sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Lulju.

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li d-data tkun identika għal dik sottomessa lill-Kumitat ta’ Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, fejn applikabbli.

## Titolu IV - Komunikazzjoni tal-valuri tal-indikaturi divulgati

8. L-entitajiet rilevanti għandhom jippubblikaw il-mudelli individwali tagħhom fuq is-siti web tagħhom. Safejn ikun possibbli, dawn il-mudelli għandhom jiġu inklużi wkoll fid-dokument li fih l-informazzjoni mitluba kif speċifikat fit-Tmien Parti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew għandha ssir referenza f’dan id-dokument għas-sit web fejn jiġu ddivulgati l-mudelli.

9. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-EBA bil-valuri tad-data, inkluża data anċillari, meta jiġu ddivulgati pubblikament fil-format mitlub mill-istandards tekniċi ta’ implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 441 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-finijiet ta’ ċentralizzazzjoni fuq is-sit web tal-EBA. L-EBA ma tiddivulgax id-data anċillari.

## Titolu V – Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni

10. Dawn il-linji gwida jibdew japplikaw mill-għada tal-pubblikazzjoni tagħhom bil-lingwi kollha tal-UE.

11. Il-Linji Gwida dwar id-divulgazzjoni tal-indikaturi ta’ importanza sistemika globali tal-5 ta’ Ġunju 2014 (EBA/GL/2014/02) huma b’hekk imħassrin.

# Anness

## Mudell

### Dejta tal-Bank Ġenerali

| Taqsima 1 - Informazzjoni Ġenerali | Rispons |
|---|---|
| a. Informazzjoni ġenerali pprovduta mill-awtorità superviżorja rilevanti: | |
| (1) Kodiċi tal-pajjiż | |
| (2) Isem tal-bank | |
| (3) Data tar-rappurtar (ssss-xx-jj) | |
| (4) Munita tar-rappurtar | |
| (5) Rata tal-konverżjoni tal-Euro | |
| (6) Data tas-sottomissjoni (ssss-xx-jj) | |
| b. Informazzjoni ġenerali pprovduta mill-istituzzjoni tar-rappurtar: | |
| (1) Unità tar-rappurtar | |
| (2) Standard tal-kontabbiltà | |
| (3) Data tad-divulgazzjoni pubblika (ssss-xx-jj) | |
| (4) Lingwa tad-divulgazzjoni pubblika | |
| (5) Indirizz web tad-divulgazzjoni pubblika | - |

### Indikaturi tad-daqs

| Taqsima 2 - Skoperturi Totali | Ammont |
|---|---|
| a. Derivattivi | |
| (1) Skopertura tal-kontroparti ta' kuntratti derivattivi | |
| (2) Ammont nozzjonali limitat ta' derivattivi ta' kreditu | |
| (3) Skopertura futura potenzjali ta' kuntratti derivattivi | |
| b. Tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFTs) | |
| (1) Valur gross aġġustat tal-SFTs | |
| (2) Skopertura tal-kontroparti tal-SFTs | |
| c. Assi oħrajn | |
| d. Ammont nozzjonali gross ta' entrati li mhumiex fuq il-karta tal-bilanċ | |
| (1) Entrati soġġetti għal fattur ta' konverżjoni tal-kreditu (CCF) ta' 0% | |
| (2) Entrati soġġetti għal CCF ta' 20% | |
| (3) Entrati soġġetti għal CCF ta' 50% | |
| (4) Entrati soġġetti għal CCF ta' 100% | |
| e. Aġġustamenti regolatorji | |
| f. Indikatur tal-iskopertturi totali (skoperturi totali qabel l-aġġustamenti regolatorji) (is-somma tal-entrati 2.a.(1) sa 2.c, 0.1 immultiplikata b'2.d(1), 0.2 immultuplikata b'2.d.(2), 0.5 immultiplikata b'2.d.(3) u 2.d.(4)) | |

### Indikaturi ta' Interkonnettività

| Taqsima 3 - Assi tas-Sistema IntraFinanzjarja | Ammont |
|---|---|
| a. Fondi ddepożitati ma' jew mislufin lil istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |
| (1) Ċertifikati ta' depożitu | |
| b. Porzjon mhux użat ta' linji impenjati estiżi għal istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |
| c. Parteċipazzjonijiet ta' titoli maħruġa minn istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn: | |
| (1) Titoli ta' dejn garantiti | |
| (2) Titoli ta' dejn mhux garantiti superjuri | |
| (3) Titoli ta' dejn subordinati | |
| (4) Dokument kummerċjali | |
| (5) Titoli ta' ekwità | |
| (6) Tpaċija ta' pożizzjonijiet qosra fir-rigward tat-titoli ta' ekwità speċifiċi inklużi fl-entrata 3.ċ.(5) | |
| d. Skopertura attwali pożittiva netta ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |
| e. Derivattivi barra l-borża (OTC) ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn li jkollhom valur ġust pożittiv nett: | |
| (1) Valur ġust pożittiv nett | |
| (2) Skopertura futura potenzjali | |
| f. Indikatur tal-assi tas-sistema intrafinanzjarja (is-somma tal-entrati 3.a, 3.b sa 3.c. (5), 3.d, 3.e. (1), u 3.e.(2), bi 3.c. (6) imnaqqsa) | |

| Taqsima 4 - Obbligazzjonijiet tas-Sistema IntraFinanzjarja | Ammont |
|---|---|
| a. Fondi ddepożitati ma' jew mislufin minngħand istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |
| (1) Depożiti dovuti lil istituzzjonijiet depożitarji | |
| (2) Depożiti dovuti lil istituzzjonijiet finanzjarji mhux depożitarji | |
| (3) Self miksub mingħand istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |
| b. Porzjon mhux użat ta' linji impenjati miksuba mingħand istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |
| c. Skopertura attwali negattiva netta ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |
| d. Derivattivi OTC ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn li għandhom valur ġust negattiv nett: | |
| (1) Valur ġust negattiv nett | |
| (2) Skopertura futura potenzjali | |
| e. Indikatur ta' obbligazzjonijiet tas-sistema intrafinanzjarja (is-somma tal-entrati 4.a.(1) sa 4.d (2)) | |

| Taqsima 5 - Titoli Pendenti | Ammont |
|---|---|
| a. Titoli ta' dejn garantiti | |
| b. Titoli ta' dejn mhux garantiti superjuri | |
| c. Titoli ta' dejn subordinati | |
| d. Dokument kummerċjali | |
| e. Ċertifikati ta' depożitu | |

| | |
|---|---|
| f. Ekwità komuni | |
| g. Ishma ppreferuti u kwalunkwe forma oħra ta' finanzjament subordinat mhux inklużi fl-entrata 5.c. | |
| h. Indikatur ta' titoli pendenti (is-somma tal-entrati 5.a sa 5.g) | |

**Indikaturi tas-Sostitwibbiltà/tal-Infrastruttura tal-Istituzzjoni Finanzjarja**

| Taqsima 6 - Pagamenti magħmula fis-sena tar-rappurtar (minbarra pagamenti intragrupp) | Ammont |
|---|---|
| a. Dollaru Awstraljan (AUD) | |
| b. Real Brażiljan (BRL) | |
| c. Dollaru Kanadiż (CAD) | |
| d. Frank Svizzeru (CHF) | |
| e. Yuan Ċiniż (CNY) | |
| f. Euro (EUR) | |
| g. Lira Sterlina (GBP) | |
| h. Dollaru ta’ Ħong Kong (HKD) | |
| i. Rupi Indjan (INR) | |
| j. Jen Ġappuniż (JPY) | |
| k. Krona Svediża (SEK) | |
| l. Dollaru Amerikan (USD) | |
| m. Indikatur tal-attività tal-pagamenti (is-somma tal-entrati 6.a sa 6.l) | |

| Taqsima 7 - Assi Taħt Kustodja | Ammont |
|---|---|
| a. Indikatur tal-assi taħt kustodja | |

| Taqsima 8 - Tranżazzjonijiet Sottoskritti fi Swieq tad-Dejn u tal-Ekwità | Ammont |
|---|---|
| a. Attività ta' sottoskrizzjoni tal-ekwità | |
| b. Attività ta' sottoskrizzjoni tad-dejn | |
| c. Indikatur tal-attività tas-sottoskrizzjoni (is-somma tal-entrati 8.a u 8.b) | |

**Indikaturi tal-Kumplessità**

| Taqsima 9 - Ammont Nozzjonali ta' Derivattivi Barra l-Borża (OTC) | Ammont |
|---|---|
| a. Derivattivi OTC ikklerjati permezz ta' kontroparti ċentrali | |
| b. Derivattivi OTC miftiehma b'mod bilaterali | |
| c. Indikatur tad-derivattivi OTC (is-somma tal-entrati 9.a u 9.b) | |

| Taqsima 10 - Titoli għan-Negozjar u Disponibbli għall-Bejgħ | Ammont |
|---|---|
| a. Titoli miżmuma għan-negozjar (HFT) | |
| b. Titoli disponibbli għall-bejgħ (AFS) | |

| | |
|---|---|
| c. Titoli għan-negozjar u tal-AFS li jissodisfaw id-definizzjoni tal-assi tal-Livell 1 | |
| d. Titoli għan-negozjar u tal-AFS li jissodisfaw id-definizzjoni tal-assi tal-Livell, 2 b'haircuts | |
| e. Indikaturi tat-titoli tan-negozjar u tal-AFS (is-somma tal-entrati 10.a u 10.b, bis-somma ta' 10.c u 10.d imnaqqsa) | |

| **Taqsima 11 - Assi tat-tielet livell** | **Ammont** |
|---|---|
| a. Indikatur tal-assi tal-Livell 3 (assi stmati għall-finijiet ta' kontabbiltà bl-użu tal-inputs tal-kejl fil-Livell 3) | |

**Indikaturi tal-Attività Transġuriżdizzjonali**

| **Taqsima 12 - Pretensjonijiet Transġuriżdizzjonali** | **Ammont** |
|---|---|
| a. Indikatur tal-pretensjonijiet transġuriżdizzjonali (pretensjonijiet barranin totali abbażi tar-riskju finali) | |

| **Taqsima 13 - Obbligazzjonijiet Transġuriżdizzjonali** | **Ammont** |
|---|---|
| a. Obbligazzjonijiet barranin (minbarra derivattivi u obbligazzjonijiet lokali fil-munita lokali) | |
| (1) Kwalunkwe obbligazzjoni barranija lil uffiċċji relatati inkluża fl-entrata 13.a | |
| b. Obbligazzjonijiet lokali fil-munita lokali (minbarra attività tad-derivattivi) | |
| c. Indikatur tal-obbligazzjonijiet transġuriżdizzjonali (is-somma tal-entrati 13.a u 13.b, b'13.a.(1) imnaqqsa) | |

**Data Anċillari**

| **Taqsima 14 - Indikaturi Anċillari** | **Ammont** |
|---|---|
| a. Obbligazzjonijiet totali | |
| b. Finanzjament għall-konsumatur | |
| c. Proporzjon ta' dipendenza tal-finanzjament tal-operaturi (id-differenza bejn l-entrati 14.a u 14.b, diviża b'14.a) | |
| d. Dħul gross totali | |
| e. Dħul nett totali | |
| f. Dħul nett barrani | |
| g. Valur gross ta' flus kontanti ipprovduti u valur ġust gross ta' titoli pprovduti f'SFTs | |
| h. Valur gross ta' flus kontanti mislufa u valur ġust gross ta' titoli mislufa f'SFTs | |
| i. Valur ġust pożittiv gross ta' tranżazzjonijiet derivattivi barra l-borża (OTC) | |
| j. Valur ġust negattiv gross ta' tranżazzjonijiet derivattivi OTC | |

| | **Ammont f'unitajiet uniċi** |
|---|---|
| k. Numru ta' ġurisdizzjonijiet | |

| Taqsima 15 - Entrati anċillari | Ammont |
|---|---|
| e. Titoli miżmuma sal-maturità | |
| f. Ħlasijiet magħmula fis-sena tar-rappurtar | |
| (1) Peso Messikan (MXN) | |
| (2) Dollaru tan-New Zealand (NZD) | |
| (3) Rublu Russu (RUB) | |

**Entrati fil-Memorandum**

| Taqsima 16 - Entrati dwar id-daqs | Ammont |
|---|---|
| a. Valur tal-kont għal prodotti tal-assigurazzjoni varjabbli b’garanziji minimi, gross tar-riassigurazzjoni | |
| b. Valur tal-kont għal prodotti tal-assigurazzjoni varjabbli b’garanziji minimi, nett tar-riassigurazzjoni | |
| c. Skoperturi totali, inklużi sussidjarji tal-assigurazzjoni | |
| d. Skoperturi ta’ sussidjarji tal-assigurazzjoni: | |
| (1) Assi tal-assigurazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ | |
| (2) Skopertura futura potenzjali ta’ kuntratti derivattivi għal sussidjarji tal-assigurazzjoni | |
| (3) Impenji li jistgħu jiġu kkanċellati mingħajr kundizzjonijiet għal sussidjarji tal-assigurazzjoni | |
| (4) Impenji oħrajn li mhumiex fuq il-karta tal-bilanċ għal sussidjarji tal-assigurazzjoni | |
| (5) Valur tal-investiment f'entitajiet ikkonsolidati | |

| Taqsima 17 - Entrati dwar l-Interkonnettività | Ammont |
|---|---|
| a. Valur kontabilistiku ta’ ekwitajiet li għalihom mhuwiex disponibbli prezz fis-suq | |
| b. Ċertifikati ta’ banek reċiproċi maħruġa | |
| c. Interess minoritarju | |
| d. Interkonnettività ma’ istituzzjonijiet li huma strettament sensara tat-titoli, assi | |
| e. Interkonnettività ma’ istituzzjonijiet li huma strettament sensara tat-titoli, obbligazzjonijiet | |
| f. Ittri ta’ kreditu irrevokabbli estiżi lil istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |
| g. Ittri ta’ kreditu irrevokabbli miksuba mingħand istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |
| h. Skopertura attwali pożittiva netta ta’ SFTs ma’ istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (definizzjoni riveduta) | |
| i. Skopertura attwali negattiva netta ta’ SFTs ma’ istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (definizzjoni riveduta) | |
| j. Assi tas-sistema intrafinanzjarja, inklużi sussidjarji tal-assigurazzjoni | |
| (1) Fondi ddepożitati ma’ jew mislufin lil istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |
| (2) Porzjon mhux użat ta’ linji impenjati estiżi għal istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |

| | |
|---|---|
| (3) Parteċipazzjonijiet ta' titoli maħruġa minn istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |
| (4) Skopertura attwali pożittiva netta ta' SFTs ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |
| (5) Derivattivi OTC ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn li għandhom valur ġust pożittiv nett | |
| k. Obbligazzjonijiet tas-sistema intrafinanzjarja, inklużi sussidjarji tal-assigurazzjoni | |
| (1) Fondi ddepożitati ma' jew mislufin minngħand istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |
| (2) Porzjon mhux użat ta' linji impenjati miksuba mingħand istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |
| (3) Skopertura attwali negattiva netta ta' SFTs ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | |
| (4) Derivattivi OTC ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn li għandhom valur ġust negattiv nett | |
| l. Titoli pendenti, inklużi t-titoli maħruġa minn sussidjarji tal-assigurazzjoni | |

| **Taqsima 18 - Entrati dwar is-Sostitwibbiltà/l-Infrastruttura Finanzjarja** | **Ammont** |
|---|---|
| a. Pagamenti magħmula bħala korrispondent għal banek oħrajn | |
| (1) Dollaru Awstraljan (AUD) | |
| (2) Reais Brażiljan (BRL) | |
| (3) Dollaru Kanadiż (CAD) | |
| (4) Frank Svizzeru (CHF) | |
| (5) Yuan Ċiniż (CNY) | |
| (6) Euro (EUR) | |
| (7) Lira Sterlina (GBP) | |
| (8) Dollaru ta' Ħong Kong (HKD) | |
| (9) Rupi Indjan (INR) | |
| (10) Jen Ġappuniż (JPY) | |
| (11) Krona Svediża (SEK) | |
| (12) Dollaru Amerikan (USD) | |
| (13) Peso Messikan (MXN) | |
| (14) Dollaru tan-New Zealand (NZD) | |
| (15) Rublu Russu (RUB) | |
| b. Volum tan-negozjar tat-titoli maħruġa minn entitajiet sovrani | |
| c. Volum tan-negozjar tat-titoli maħruġa minn entitajiet oħrajn fis-settur pubbliku | |
| d. Volum tan-negozjar ta' titoli oħrajn bi dħul fiss | |
| e. Volum tan-negozjar tat-titoli elenkati | |
| f. Volum tan-negozjar tat-titoli l-oħrajn kollha | |
| g. Marġni inizjali ddepożitat lill-kontropartijiet ċentrali (CCPs) f'isem il-klijenti | |
| h. Marġni inizjali ddepożitat lis-CCPs għan-nom tal-grupp tar-rappurtar | |
| i. Kontribuzzjonijiet tal-fond ta' inadempjenza għas-CCPs | |
| j. Faċilitajiet oħrajn għas-CCPs | |
| k. Provvista ta' servizzi ta' saldu b'konnessjoni mat-tranżazzjonijiet ikklerjati ċentralment | |

| Taqsima 19 - Entrati dwar il-Kumplessità | Ammont |
|---|---|
| a. Ammont nozzjonali ta’ derivattivi barra l-borża (OTC), inklużi sussidjarji tal-assigurazzjoni | |
| b. Titoli tan-negozjar u disponibbli għall-bejgħ (AFS), inklużi sussidjarji tal-assigurazzjoni | |
| c. Assi tal-Livell 3, inklużi sussidjarji tal-assigurazzjoni | |

| Taqsima 20 - Entrati dwar l-Attività Transġuriżdizzjonali | Ammont |
|---|---|
| a. Pretensjonijiet derivattivi barranin abbażi tar-riskju finali | |
| b. Obbligazzjonijiet barranin abbażi ta’ riskju immedjat (inklużi derivattivi) | |
| (1) Obbligazzjonijiet ta’ derivattivi barranin abbażi ta’ riskju immedjat | |

| Taqsima 21 - Entrati dwar Finanzjament għal Terminu Qasir | Ammont |
|---|---|
| a. Finanzjament garantit kopert fil-proporzjon ta’ kopertura tal-likwidità (LCR): | |
| (1) Finanzjament sostnut minn assi likwidi tal-Livell 1 | |
| (2) Finanzjament sostnut minn assi likwidi tal-Livell 2A | |
| (3) Finanzjament sostnut minn assi likwidi tal-Livell 2B | |
| (4) Finanzjament sostnut minn assi mhux HQLA | |
| (5) ABS, strumenti ta’ finanzjament strutturat, ABCP, veikoli, SIVs u attivitajiet ta’ finanzjament oħrajn bħal dawn | |
| (6) Swaps kollaterali | |
| b. Finanzjament tal-operaturi mhux garantit kopert fl-LCR: | |
| (1) Depożiti operattivi minn entitajiet mhux finanzjarji | |
| (2) Depożiti operattivi minn istituzzjonijiet finanzjarji | |
| (3) Depożiti mhux operattivi minn entitajiet mhux finanzjarji | |
| (4) Depożiti mhux operattivi minn istituzzjonijiet finanzjarji u ħruġ ta’ dejn mhux garantit | |
| c. Finanzjament garantit kopert fil-proporzjon tal-finanzjament stabbli nett (NSFR): | |
| (1) Finanzjament garantit b’maturità ta’ inqas minn 6 xhur | |
| (2) Finanzjament garantit b’maturità ta’ bejn 6 xhur u sena | |
| d. Finanzjament tal-operaturi mhux garantit kopert fl-NSFR b’maturità ta’ inqas minn 6 xhur: | |
| (1) Depożiti operattivi minn entitajiet mhux finanzjarji | |
| (2) Depożiti operattivi minn istituzzjonijiet finanzjarji | |
| (3) Depożiti mhux operattivi u finanzjament mhux garantit u mhux depożitarju minn entitajiet mhux finanzjarji | |
| (4) Depożiti mhux operattivi u finanzjament ieħor tal-operaturi minn istituzzjonijiet finanzjarji | |
| f. Finanzjament tal-operaturi mhux garantit kopert fl-NSFR b’maturità ta’ bejn 6 xhur u sena | |
| (1) Depożiti operattivi minn entitajiet mhux finanzjarji | |
| (2) Depożiti operattivi minn istituzzjonijiet finanzjarji | |
| (3) Depożiti mhux operattivi u finanzjament mhux garantit u mhux depożitarju minn entitajiet mhux finanzjarji | |

| |
|---|
| (4) Depożiti mhux operattivi u finanzjament ieħor tal-operaturi minn istituzzjonijiet finanzjarji |

## Sommarju tal-Kontrolli

| | Valur tal-indikatur f'miljun EUR |
|---|---|
| **Taqsima 22 - Valuri tal-Indikatur** | |
| a. Taqsima 2 - Indikatur tal-iskoperturi totali | |
| b. Taqsima 3 - Indikatur tal-assi tas-sistema intrafinanzjarja | |
| c. Taqsima 4 - Indikatur tal-obbligazzjonijiet tas-sistema intrafinanzjarja | |
| d. Taqsima 5 - Indikatur tat-titoli pendenti | |
| e. Taqsima 6 - Indikatur tal-attività tal-pagamenti | |
| f. Taqsima 7 - Indikatur tal-assi taħt kustodja | |
| g. Taqsima 8 - Indikatur tal-attività tas-sottoskrizzjoni | |
| h. Taqsima 9 - Indikatur tad-derivattivi OTC | |
| i. Taqsima 10 - Indikatur tat-titoli tan-negozjar u tal-AFS | |
| j. Taqsima 11 - Indikatur tal-assi tal-Livell 3 | |
| k. Taqsima 12 - Indikatur tal-pretensjonijiet transġuriżdizzjonali | |
| l. Taqsima 13 - Indikatur tal-obbligazzjonijiet transġuriżdizzjonali | |
| m. Taqsimiet oħrajn | |
| (1) Entrata 1.a - Informazzjoni ġenerali pprovduta mill-awtorità superviżorja | |
| (2) Entrata 1.b - Informazzjoni ġenerali pprovduta mill-istituzzjoni tar-rappurtar | |
| (3) Taqsima 14 - Indikaturi anċillari | |
| (4) Taqsima 15 - Entrati anċillari | |
| (5) Taqsima 16 - Entrati dwar id-daqs | |
| (6) Taqsima 17 - Entrati dwar l-interkonnettività | |
| (7) Taqsima 18 - Entrati dwar is-sostitwibbiltà/l-infrastruttura finanzjarja | |
| (8) Taqsima 19 - Entrati dwar il-kumplessità | |
| (9) Taqsima 20 - Entrati dwar l-attività transġuriżdizzjonali | |
| (10) Taqsima 21 - Finanzjament għal terminu qasir | |